REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/280

tat-22 ta' Frar 2021

li jemenda r-Regolamenti (UE) 2015/1222, (UE) 2016/1719, (UE) 2017/2195 u (UE) 2017/1485 sabiex jiġu allinjati mar-Regolament (UE) 2019/943

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 59(1) u (2) u l-Artikolu 60(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-introduzzjoni ta' regoli armonizzati dwar il-kummerċ tal-elettriku u t-tħaddim tal-grilja permezz ta' kodiċijiet u linji gwida tan-network tal-elettriku wriet li hija kruċjali biex jinkiseb suq tal-elettriku integrat fl-Unjoni.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 ([2]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719 ([3]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 ([4]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 ([5]) jipprovdu regoli importanti għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-elettriku, billi jistabbilixxu regoli ddettaljati li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet regolatorji biex jiddefinixxu b'mod konġunt it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji meħtieġa għall-allinjament tal-kummerċ tal-elettriku u t-tħaddim tal-grilja fl-Unjoni.

(3) Il-prattika bil-proċess tal-adozzjoni tat-TCM uriet li jenħtieġ li jiġu ċċarati żewġ aspetti tal-proċess tal-adozzjoni.

(4) Ir-Regolamenti (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) u (UE) 2019/943 immodifikaw il-qafas regolatorju tas-suq intern tal-elettriku, inkluż il-proċess biex jintlaħaq qbil dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji.

(5) Kif stabbilit fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2019/942, it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li qabel kienu jeħtieġu l-approvazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji kollha issa jiġu adottati direttament mill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi Ewropej tal-Enerġija ("l-Aġenzija"). Ir-Regolamenti (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 jipprevedu wkoll li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-Aġenzija huma intitolati li jirrevedu u jemendaw il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji ppreżentati mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ("TSOs") u l-Operaturi nominati tas-suq tal-elettriku ("NEMOs").

(6) Ir-Regolamenti (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 jistabbilixxu wkoll li r-regolaturi nazzjonali u l-Aġenzija huma responsabbli għall-adozzjoni tat-testi finali tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, u li għandhom id-dritt li jirrevedu u jemendaw il-proposti mit-TSOs jew min-NEMOs sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mal-objettivi tar-Regolamenti (UE) 2015/1222, (UE) 2016/1719, (UE) 2017/2195 u (UE) 2017/1485 u jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq, in-nondiskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament xieraq tas-suq tal-elettriku.

(7) Dawk il-bidliet jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolamenti (UE) 2015/1222, (UE) 2016/1719, (UE) 2017/2195 u (UE) 2017/1485.

([1]) ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi linji gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni (ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719 tas-26 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità (ĠU L 259, 27.9.2016, p. 42).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 tat-23 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku (ĠU L 312, 28.11.2017, p. 6).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (ĠU L 220, 25.8.2017, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22).

(8) L-esperjenza bil-proċess ta' żvilupp eżistenti tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, inkluża l-ġurisprudenza reċenti u d-dewmien biex jintlaħaq qbil dwar ċerti termini u kundizzjonijiet jew metodoloġiji, wasslu għall-ħtieġa li tiġi riveduta l-proċedura regolatorja biex jiġu ddefiniti t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni f'waqtha tagħhom.

(9) Skont il-każistika reċenti tal-Qorti ([7]), ir-Regolament (UE) 2015/1222 jippermetti lil kull awtorità regolatorja nazzjonali unika titlob emendi għall-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji mit-TSOs jew min-NEMOs. Tali possibbiltà tista' potenzjalment twassal għal sekwenza ta' diversi talbiet individwali għal emendi u proposti emendati rispettivi għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, mingħajr l-ebda perspettiva realistika ta' approvazzjoni u implimentazzjoni f'waqthom. Dan mhux biss jista' jwassal għal dewmien sinifikanti fl-iżvilupp tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, iżda talbiet individwali mhux ikkoordinati għal bidliet fil-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji jistgħu joħolqu wkoll inċertezza legali, peress li jibqa' jkun hemm dubju dwar liema talba għal emenda jenħtieġ li fl-aħħar mill-aħħar tieħu preċedenza. Sabiex tiġi evitata dik is-sitwazzjoni, ir-Regolamenti (UE) 2015/1222, (UE) 2016/1719, (UE) 2017/2195 u (UE) 2017/1485 jenħtieġ li jistabbilixxu proċedura ċara għall-koordinazzjoni ta' talbiet għal emendi għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji.

(10) Il-proċedura ta' deċiżjonijiet ikkoordinati dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji hija identika fir-Regolamenti (UE) 2015/1222, (UE) 2016/1719, (UE) 2017/2195 u (UE) 2017/1485. Barra minn hekk, il-proċess biex jiġu emendati dawk l-erba' Regolamenti huwa identiku. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-bidliet għal dawk l-erba' Regolamenti jiġu adottati permezz ta' Regolament emendatorju wieħed.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 67(2) tar-Regolament (UE) 2019/943,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2015/1222

L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2015/1222 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

Adozzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji

1. It-TSOs u n-NEMOs għandhom jiżviluppaw it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji meħtieġa minn dan ir-Regolament u jissottomettuhom għall-approvazzjoni lill-Aġenzija jew lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti fi żmien l-iskadenzi rispettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari f'każijiet fejn skadenza ma tkunx tista' tiġi ssodisfata minħabba ċirkostanzi esterni għall-isfera tat-TSOs jew tan-NEMOs, l-iskadenzi għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji jistgħu jiġu estiżi mill-Aġenzija fi proċeduri skont il-paragrafu 6, b'mod konġunt mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti kollha, fi proċeduri skont il-paragrafu 7, u mill-awtorità regolatorja kompetenti fi proċeduri skont il-paragrafu 8.

Meta proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont dan ir-Regolament jeħtieġ li tiġi żviluppata u miftiehma minn aktar minn TSO jew NEMO wieħed, it-TSOs u n-NEMOs parteċipanti għandhom jikkooperaw mill-qrib. It-TSOs, bl-assistenza tal-ENTSO tal-Elettriku, u n-NEMOs kollha għandhom jinformaw regolarment lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti u lill-Aġenzija dwar il-progress fl-iżvilupp ta' dawk it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji.

([7]) Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Ottubru 2019 fil-kawża T-332/17, E-Control Austria vs ACER.

2. Meta t-TSOs jew in-NEMOs li jiddeċiedu dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 6 ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim, dawn għandhom jiddeċiedu permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-maġġoranza kwalifikata għandha tintlaħaq fi ħdan kull waħda mill-klassijiet ta' votazzjoni rispettivi tat-TSOs u tan-NEMOs. Il-maġġoranza kwalifikata għall-proposti elenkati fil-paragrafu 6 għandha teħtieġ il-maġġoranza li ġejja:

(a) TSOs jew NEMOs li jirrappreżentaw mill-inqas 55 % tal-Istati Membri; u

(b) TSOs jew NEMOs li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

Il-minoranza li timblokka għad-deċiżjonijiet dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 6 għandha tinkludi TSOs jew NEMOs li jirrappreżentaw mill-inqas erba' Stati Membri, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata għandha titqies li tkun inkisbet.

Għal deċiżjonijiet tat-TSOs dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 6, għandu jiġi attribwit vot wieħed għal kull Stat Membru. Jekk ikun hemm aktar minn TSO wieħed fit-territorju ta' Stat Membru, l-Istat Membru għandu jalloka s-setgħat tal-votazzjoni fost it-TSOs.

Għan-NEMOs li jiddeċiedu dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 6, għandu jiġi attribwit vot wieħed għal kull Stat Membru. Kull NEMO għandu jkollu għadd ta' voti daqs in-numru ta' Stati Membri fejn huwa jkun nnominat. Jekk jiġi nnominat aktar minn NEMO wieħed fit-territorju ta' Stat Membru, l-Istat Membru għandu jalloka s-setgħat ta' votazzjoni fost in-NEMOs, filwaqt li jqis il-volum rispettiv tagħhom ta' elettriku nnegozjat f'dak l-Istat Membru partikolari fis-sena finanzjarja ta' qabel.

3. Ħlief għall-Artikolu 43(1), l-Artikolu 44, l-Artikolu 56(1), l-Artikolu 63 u l-Artikolu 74(1), meta t-TSOs li jiddeċiedu dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu (7) ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim u meta r-reġjuni kkonċernati jkunu magħmula minn aktar minn ħames Stati Membri, dawn għandhom jiddeċiedu permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-maġġoranza kwalifikata għandha tintlaħaq fi ħdan kull waħda mill-klassijiet ta' votazzjoni rispettivi tat-TSOs u tan-NEMOs. Il-maġġoranza kwalifikata għall-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 7 għandha teħtieġ il-maġġoranza li ġejja:

(a) TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas 72 % tal-Istati Membri kkonċernati; u

(b) TSOs li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tar-reġjun ikkonċernat

Il-minoranza li timblokka għad-deċiżjonijiet dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 7 għandha tinkludi mill-inqas l-għadd minimu ta' TSOs li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-Istati Membri parteċipanti, flimkien ma' TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas Stat Membru addizzjonali wieħed ikkonċernat, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kkwalifikata għandha titqies li tkun inkisbet.

It-TSOs li jiddeċiedu dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 7 fir-rigward ta' reġjuni magħmula minn ħames Stati Membri jew inqas għandhom jiddeċiedu b'kunsens.

Għal deċiżjonijiet tat-TSOs dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 7, għandu jiġi attribwit vot wieħed għal kull Stat Membru. Jekk ikun hemm aktar minn TSO wieħed fit-territorju ta' Stat Membru, l-Istat Membru għandu jalloka s-setgħat ta' votazzjoni fost it-TSOs.

In-NEMOs li jiddeċiedu dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 7 għandhom jiddeċiedu b'kunsens.

4. Jekk it-TSOs jew in-NEMOs jonqsu milli jissottomettu proposta inizjali jew emendata għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti jew lill-Aġenzija skont il-paragrafi 6 sa 8 jew 12 sal-iskadenzi stabbiliti f'dan ir-Regolament, dawn għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti u lill-Aġenzija bl-abbozzi rilevanti tal-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, u jispjegaw xi jkun impedixxa l-ilħuq ta' ftehim. L-Aġenzija, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti kollha flimkien, jew l-awtorità regolatorja kompetenti għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jadottaw it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji meħtieġa skont il-paragrafi 6, 7 u 8 rispettivament, pereżempju billi jitolbu emendi jew jirrevedu u jlestu l-abbozzi skont dan il-paragrafu, inkluż meta ma jkun ġie ppreżentat l-ebda abbozz, u japprovawhom.

5. Kull awtorità regolatorja jew, fejn ikun applikabbli, l-Aġenzija, skont il-każ, għandha tapprova t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji użati biex jiġi kkalkulat jew stabbilit l-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata żviluppati mit-TSOs u min-NEMOs. Dawn għandhom ikunu responsabbli biex japprovaw it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji msemmija fil-paragrafi 6, 7 u 8. Qabel ma japprovaw it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, l-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom jirrevedu l-proposti fejn ikun meħtieġ, wara li jikkonsultaw it-TSOs jew in-NEMOs rispettivi, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mal-għan ta' dan ir-Regolament u jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq, in-nondiskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament xieraq tas-suq.

6. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-Aġenzija:

(a) il-pjan dwar it-twettiq konġunt tal-funzjonijiet MCO skont l-Artikolu 7(3);

(b) ir-reġjuni bil-kapaċità kalkolata skont l-Artikolu 15(1);

(c) il-metodoloġija tal-provvista tad-*data* dwar il-ġenerazzjoni u t-tagħbija skont l-Artikolu 16(1);

(d) il-metodoloġija tal-mudell ta' grilja komuni skont l-Artikolu 17(1);

(e) il-proposta għal metodoloġija armonizzata għall-kalkolu tal-kapaċità skont l-Artikolu 21(4);

(f) metodoloġija ta' riżerva skont l-Artikolu 36(3);

(g) l-algoritmu sottomess min-NEMOs skont l-Artikolu 37(5), inklużi s-settijiet ta' rekwiżiti tat-TSOs u tan-NEMOs għall-iżvilupp tal-algoritmu skont l-Artikolu 37(1);

(h) prodotti li jistgħu jitqiesu min-NEMOs fil-proċess ta' akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata skont l-Artikoli 40 u 53;

(i) il-prezzijiet massimi u minimi skont l-Artikoli 41(1) u 54(2);

(j) il-metodoloġija tal-ipprezzar tal-kapaċità tal-istess ġurnata li għandha tiġi żviluppata skont l-Artikolu 55(1);

(k) il-ħinijiet tal-ftuħ tan-negozju tal-kapaċità transżonali tal-istess ġurnata u l-ħinijiet tal-għeluq tan-negozju tal-kapaċità transżonali tal-istess ġurnata skont l-Artikolu 59(1);

(l) l-iskadenza għaċ-ċertezza ta' ġurnata bil-quddiem skont l-Artikolu 69;

(m) il-metodoloġija tad-distribuzzjoni tal-introjtu mill-konġestjoni skont l-Artikolu 73(1).

7. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji kollha tar-reġjun ikkonċernat:

(a) il-metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-kapaċità skont l-Artikolu 20(2);

(b) id-deċiżjonijiet dwar l-introduzzjoni u l-posponiment tal-kalkolu bbażat fuq il-fluss skont l-Artikolu 20(2) sa (6) u dwar l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 20(7);

(c) il-metodoloġija għar-ridispaċċ u tpartit ikkoordinat skont l-Artikolu 35(1);

(d) il-metodoloġiji komuni għall-kalkolu tal-iskambji skedati skont l-Artikoli 43(1) u 56(1);

(e) il-proċeduri ta' riżerva skont l-Artikolu 44;

(f) irkanti reġjonali komplementari skont l-Artikolu 63(1);

(g) il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' allokazzjoni espliċita skont l-Artikolu 64(2);

(h) il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż tar-ridispaċċ jew it-tpartit skont l-Artikolu 74(1).

8. It-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni individwali minn kull awtorità regolatorja jew awtorità kompetenti oħra tal-Istati Membri kkonċernati:

(a) fejn ikun applikabbli, in-nomina u r-revoka jew is-sospensjoni tan-nomina ta' NEMO skont l-Artikolu 4(2), (8) u (9);

(b) jekk ikun applikabbli, it-tariffi jew il-metodoloġiji użati biex jiġu kkalkulati t-tariffi tan-NEMOs relatati man-negozjar fis-swieq ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata skont l-Artikolu 5(1);

(c) proposti ta' TSOs individwali għal rieżami tal-konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti skont l-Artikolu 32(1)(d);

(d) fejn ikun applikabbli, il-proposta għall-allokazzjoni tal-kapaċità transżonali u arranġamenti oħra skont l-Artikoli 45 u 57;

(e) l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-konġestjoni skont l-Artikoli 75 sa 79;

(f) jekk ikun applikabbli, il-kondiviżjoni tal-ispejjeż, tal-ispejjeż reġjonali tal-akkoppjament singolu ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata skont l-Artikolu 80(4).

9. Il-proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għandha tinkludi skeda ta' żmien proposta għall-implimentazzjoni tagħhom u deskrizzjoni tal-impatt mistenni tagħhom fuq l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji soġġetti għall-approvazzjoni minn diversi awtoritajiet regolatorji skont il-paragrafu 7 għandhom jiġu ppreżentati lill-Aġenzija fi żmien ġimgħa minn meta jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet regolatorji. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji soġġetti għall-approvazzjoni minn awtorità regolatorja waħda skont il-paragrafu 8 jistgħu jiġu ppreżentati lill-Aġenzija fi żmien xahar minn meta jiġu ppreżentati skont id-diskrezzjoni tal-awtorità regolatorja filwaqt li għandhom jiġu ppreżentati fuq talba tal-Aġenzija għal finijiet ta' informazzjoni skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2019/942 jekk l-Aġenzija tqis li l-proposta għandha impatt transfruntiera. Fuq talba mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti, l-Aġenzija għandha toħroġ opinjoni dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji fi żmien tliet xhur.

10. Meta l-approvazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafu 7 jew l-emenda skont il-paragrafu 12 tkun teħtieġ deċiżjoni minn aktar minn awtorità regolatorja waħda, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw mill-qrib u jikkoordinaw ma' xulxin sabiex jilħqu ftehim. Fejn ikun applikabbli, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom iqisu l-opinjoni tal-Aġenzija. L-awtoritajiet regolatorji jew, meta tkun kompetenti, l-Aġenzija għandha tieħu deċiżjonijiet dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji ppreżentati skont il-paragrafi 6, 7 u 8, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji mill-Aġenzija jew mill-awtorità regolatorja jew, fejn applikabbli, mill-aħħar awtorità regolatorja kkonċernata. Il-perjodu għandu jibda fil-jum wara dak li fih il-proposta tkun ġiet ippreżentata lill-Aġenzija skont il-paragrafu 6, lill-aħħar awtorità regolatorja kkonċernata skont il-paragrafu 7 jew, fejn ikun applikabbli, lill-awtorità regolatorja skont il-paragrafu 8.

11. Meta l-awtoritajiet regolatorji ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 10, jew fuq talba konġunta tagħhom, jew fuq talba tal-Aġenzija skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/942, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni dwar il-proposti ppreżentati għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji fi żmien sitt xhur, skont l-Artikolu 5(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942.

12. Fil-każ li l-Aġenzija, jew l-awtoritajiet regolatorji kompetenti kollha flimkien, jew l-awtorità regolatorja kompetenti, titlob emenda biex jiġu approvati t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji ppreżentati skont il-paragrafi 6, 7 u 8 rispettivament, it-TSOs jew in-NEMOs rilevanti għandhom jippreżentaw proposta għal termini u kundizzjonijiet jew metodoloġiji emendati għall-approvazzjoni fi żmien xahrejn wara t-talba mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti jew mill-awtorità regolatorja kompetenti. L-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji kompetenti jew l-awtorità regolatorja kompetenti għandha tiddeċiedi dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati fi żmien xahrejn minn meta jiġu ppreżentati. Meta l-awtoritajiet regolatorji kompetenti ma jkunux setgħu jilħqu ftehim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafu 7 fi żmien l-iskadenza ta' xahrejn, jew fuq talba konġunta tagħhom, jew fuq talba tal-Aġenzija skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/942, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati fi żmien sitt xhur, skont l-Artikolu 5(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942. Jekk it-TSOs jew in-NEMOs rilevanti jonqsu milli jippreżentaw proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati, għandha tapplika l-proċedura prevista fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

13. L-Aġenzija, jew l-awtoritajiet regolatorji kompetenti kollha flimkien, jew l-awtorità regolatorja kompetenti, meta jkunu responsabbli għall-adozzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafi 6, 7 u 8, jistgħu rispettivament jitolbu proposti biex jiġu emendati dawk it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji u jiddeterminaw skadenza għall-preżentazzjoni ta' dawk il-proposti. It-TSOs jew in-NEMOs responsabbli għall-iżvilupp ta' proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji jistgħu jipproponu emendi lill-awtoritajiet regolatorji u lill-Aġenzija.

Il-proposti biex jiġu emendati t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għandhom jiġu ppreżentati għall-konsultazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12 u approvati skont il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

14. It-TSOs u n-NEMOs responsabbli biex jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont dan ir-Regolament għandhom jippubblikawhom fuq l-Internet wara l-approvazzjoni mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti jew, jekk ma tkun meħtieġa l-ebda approvazzjoni bħal din, wara li jiġu stabbiliti, ħlief fejn tali informazzjoni titqies bħala kunfidenzjali skont l-Artikolu 13."

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) 2016/1719

L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/1719 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

L-Adozzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji

1. It-TSOs għandhom jiżviluppaw it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji meħtieġa minn dan ir-Regolament u jippreżentawhom għall-approvazzjoni lill-Aġenzija jew lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti sal-iskadenzi rispettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari f'każijiet fejn ma tkunx tista' tintlaħaq skadenza minħabba ċirkostanzi esterni għall-isfera tat-TSOs, l-iskadenzi għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji jistgħu jiġu estiżi mill-Aġenzija fi proċeduri skont il-paragrafu 6, u b'mod konġunt mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti kollha, fi proċeduri skont il-paragrafu 7. Meta proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont dan ir-Regolament tkun teħtieġ li tiġi żviluppata u maqbula minn aktar minn TSO wieħed, it-TSOs parteċipanti għandhom jikkooperaw mill-qrib. It-TSOs, bl-għajnuna tal-ENTSO tal-Elettriku, għandhom jinformaw regolarment lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti u lill-Aġenzija dwar il-progress fl-iżvilupp ta' dawk it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji.

2. Meta t-TSOs li jiddeċiedu dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 6 ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim, dawn għandhom jiddeċiedu permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-maġġoranza kwalifikata għall-proposti skont il-paragrafu 6 għandha teħtieġ il-maġġoranza li ġejja:

(a) TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas 55 % tal-Istati Membri; u

(b) TSOs li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

Il-minoranza li timblokka għad-deċiżjonijiet dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 6 għandha tinkludi TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas erba' Stati Membri, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata għandha titqies li tkun inkisbet.

Għal deċiżjonijiet tat-TSOs dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 6, għandu jiġi attribwit vot wieħed għal kull Stat Membru. Jekk ikun hemm aktar minn TSO wieħed fit-territorju ta' Stat Membru, l-Istat Membru għandu jalloka s-setgħat tal-votazzjoni fost it-TSOs.

3. Meta t-TSOs li jiddeċiedu dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 7 ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim u meta r-reġjuni kkonċernati jkunu magħmula minn aktar minn ħames Stati Membri, dawn għandhom jiddeċiedu permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-maġġoranza kwalifikata għall-proposti skont il-paragrafu 7 għandha teħtieġ il-maġġoranza li ġejja:

(a) TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas 72 % tal-Istati Membri kkonċernati; u

(b) TSOs li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tar-reġjun ikkonċernat.

Il-minoranza li timblokka għad-deċiżjonijiet dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 7 għandha tinkludi mill-inqas l-għadd minimu ta' TSOs li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-Istati Membri parteċipanti, flimkien ma' TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas Stat Membru addizzjonali wieħed ikkonċernat, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kkwalifikata għandha titqies li tkun inkisbet.

It-TSOs li jiddeċiedu dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 7 fir-rigward ta' reġjuni magħmula minn ħames Stati Membri jew inqas għandhom jiddeċiedu b'kunsens.

Għal deċiżjonijiet tat-TSOs dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fil-paragrafu 7, għandu jiġi attribwit vot wieħed għal kull Stat Membru. Jekk ikun hemm aktar minn TSO wieħed fit-territorju ta' Stat Membru, l-Istat Membru għandu jalloka s-setgħat ta' votazzjoni fost it-TSOs.

4. Jekk it-TSOs jonqsu milli jippreżentaw proposta inizjali jew emendata għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti nazzjonali jew lill-Aġenzija skont il-paragrafi 6 u 7 jew 11 sal-iskadenzi stabbiliti f'dan ir-Regolament, dawn għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti u lill-Aġenzija bl-abbozzi rilevanti tal-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, u jispjegaw xi jkun impedixxa l-ilħuq ta' ftehim. L-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji kompetenti kollha flimkien, għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jadottaw it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji meħtieġa skont il-paragrafi 6 jew 7 rispettivament, pereżempju billi jitolbu emendi jew jirrevedu u jlestu l-abbozzi skont dan il-paragrafu, inkluż fejn ma jkun ġie ppreżentat l-ebda abbozz, u japprovawhom.

5. Kull awtorità regolatorja jew, fejn ikun applikabbli, l-Aġenzija, skont il-każ, għandha tkun responsabbli biex tapprova t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji msemmija fil-paragrafi 6 u 7. Qabel ma japprovaw it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, l-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom jirrevedu l-proposti fejn ikun meħtieġ, wara li jikkonsultaw it-TSOs rispettivi, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mal-għan ta' dan ir-Regolament u jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq, in-nondiskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament xieraq tas-suq.

6. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-Aġenzija:

(a) il-metodoloġija tal-provvista ta' *data* ta' ġenerazzjoni u tagħbija skont l-Artikolu 17;

(b) il-metodoloġija tal-mudell ta' grilja komuni skont l-Artikolu 18;

(c) ir-rekwiżiti għall-pjattaforma unika ta' allokazzjoni skont l-Artikolu 49;

(d) ir-regoli armonizzati ta' allokazzjoni skont l-Artikolu 51;

(e) il-metodoloġija tal-qsim tal-introjtu mill-konġestjoni skont l-Artikolu 57;

(f) il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispiża biex tiġi stabbilita, żviluppata u mħaddma l-pjattaforma unika ta' allokazzjoni skont l-Artikolu 59;

(g) il-metodoloġija għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż li jiġġarrbu biex tiġi żgurata ċ-ċertezza u r-remunerazzjoni tad-drittijiet tat-trażmissjoni fit-tul skont l-Artikolu 61.

7. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji kollha tar-reġjun ikkonċernat:

(a) il-metodoloġija tal-kalkolu tal-kapaċità skont l-Artikolu 10;

(b) il-metodoloġija għall-qsim tal-kapaċità transżonali skont l-Artikolu 16;

(c) it-tfassil reġjonali tad-drittijiet tat-trażmissjoni fit-tul skont l-Artikolu 31;

(d) l-istabbiliment ta' proċeduri ta' riżerva f'konformità mal-Artikolu 42;

(e) ir-rekwiżiti reġjonali tar-regoli armonizzati dwar l-allokazzjoni skont l-Artikolu 52, inklużi r-regoli reġjonali dwar il-kumpens skont l-Artikolu 55.

8. Il-proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għandha tinkludi skeda ta' żmien proposta għall-implimentazzjoni tagħhom u deskrizzjoni tal-impatt mistenni tagħhom fuq l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji soġġetti għall-approvazzjoni minn diversi awtoritajiet regolatorji jew mill-awtoritajiet regolatorji kollha skont il-paragrafu 7 għandhom jiġu ppreżentati lill-Aġenzija fi żmien ġimgħa minn meta jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet regolatorji. Fuq talba mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti, l-Aġenzija għandha toħroġ opinjoni dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji fi żmien tliet xhur.

9. Meta l-approvazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafu 7 jew l-emenda skont il-paragrafu 11 tkun teħtieġ deċiżjoni minn aktar minn awtorità regolatorja waħda, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw mill-qrib u jikkoordinaw ma' xulxin sabiex jilħqu ftehim. Fejn ikun applikabbli, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom iqisu l-opinjoni tal-Aġenzija. L-awtoritajiet regolatorji jew, meta tkun kompetenti, l-Aġenzija għandha tieħu deċiżjonijiet dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji ppreżentati skont il-paragrafi 6 u 7, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji mill-Aġenzija jew, fejn ikun applikabbli, mill-aħħar awtorità regolatorja kkonċernata. Il-perjodu għandu jibda fil-jum wara dak li fih il-proposta tkun ġiet ippreżentata lill-Aġenzija skont il-paragrafu 6 jew lill-aħħar awtorità regolatorja kkonċernata skont il-paragrafu 7.

10. Meta l-awtoritajiet regolatorji ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 9, jew fuq talba konġunta tagħhom, jew fuq talba tal-Aġenzija skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/942, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni dwar il-proposti ppreżentati għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji fi żmien sitt xhur, skont l-Artikolu 5(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942.

11. Fil-każ li l-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji kompetenti kollha flimkien jitolbu emenda biex japprovaw it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji ppreżentati skont il-paragrafi 6 u 7, it-TSOs rilevanti għandhom jippreżentaw proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati għall-approvazzjoni fi żmien xahrejn wara t-talba mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet regolatorji. L-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom jiddeċiedu dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati fi żmien xahrejn minn meta jiġu ppreżentati. Meta l-awtoritajiet regolatorji kompetenti ma jkunux setgħu jilħqu ftehim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafu 7 fi żmien l-iskadenza ta' xahrejn, jew fuq talba konġunta tagħhom, jew fuq talba tal-Aġenzija skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/942, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati fi żmien sitt xhur, skont l-Artikolu 5(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942. Jekk it-TSOs rilevanti jonqsu milli jippreżentaw proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati, għandha tapplika l-proċedura prevista fil-paragrafu 4.

12. L-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji flimkien, meta jkunu responsabbli għall-adozzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafi 6 u 7, jistgħu rispettivament jitolbu proposti biex jiġu emendati dawk it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji u jiddeterminaw skadenza biex jiġu ppreżentati dawk il-proposti. It-TSOs responsabbli għall-iżvilupp ta' proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji jistgħu jipproponu emendi lill-awtoritajiet regolatorji u lill-Aġenzija.

Il-proposti biex jiġu emendati t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għandhom jiġu ppreżentati għall-konsultazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 u approvati skont il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu.

13. It-TSOs responsabbli biex jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont dan ir-Regolament għandhom jippubblikawhom fuq l-Internet wara l-approvazzjoni mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti jew, jekk ma tkun meħtieġa l-ebda approvazzjoni bħal din, wara li jkunu ġew stabbiliti, ħlief fejn tali informazzjoni titqies bħala kunfidenzjali skont l-Artikolu 7."

Artikolu 3

Emendi għar-Regolament (UE) 2017/2195

L-Artikoli 4 sa 7 tar-Regolament (UE) 2017/2195 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 4

It-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji tat-TSOs

1. It-TSOs għandhom jiżviluppaw it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji meħtieġa minn dan ir-Regolament u jippreżentawhom għall-approvazzjoni tal-Aġenzija skont l-Artikolu 5(2), jew lill-awtoritajiet regolatorji rilevanti skont l-Artikolu 5(3) sal-iskadenzi rispettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari f'każijiet

fejn ma tkunx tista' tintlaħaq skadenza minħabba ċirkostanzi esterni għall-isfera tat-TSOs, l-iskadenzi għat-termini u l-kundizzjonijiet jew għall-metodoloġiji jistgħu jiġu estiżi mill-Aġenzija fi proċeduri skont l-Artikolu 5(2), b'mod konġunt mill-awtoritajiet regolatorji rilevanti kollha fi proċeduri skont l-Artikolu 5(3), u mill-awtorità regolatorja rilevanti fi proċeduri skont l-Artikolu 5(4).

2. Meta proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont dan ir-Regolament tkun teħtieġ li tiġi żviluppata u maqbula minn aktar minn TSO wieħed, it-TSOs parteċipanti għandhom jikkooperaw mill-qrib. It-TSOs, bl-għajnuna tal-ENTSO tal-Elettriku, għandhom jinformaw regolarment lill-awtoritajiet regolatorji rilevanti u lill-Aġenzija dwar il-progress fl-iżvilupp ta' dawk it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji.

3. Meta t-TSOs li jiddeċiedu dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-Artikolu 5(2) ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim, dawn għandhom jiddeċiedu permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-maġġoranza kwalifikata għall-proposti elenkati fl-Artikolu 5(2) għandha teħtieġ il-maġġoranza li ġejja:

(a) TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas 55 % tal-Istati Membri; u

(b) TSOs li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

Il-minoranza li timblokka għad-deċiżjonijiet dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-Artikolu 5(2) għandha tinkludi TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas erba' Stati Membri, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata għandha titqies li tkun inkisbet.

4. Meta t-TSOs li jiddeċiedu dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-Artikolu 5(3) ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim, u meta r-reġjuni kkonċernati jkunu magħmula minn aktar minn ħames Stati Membri, dawn għandhom jiddeċiedu permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-maġġoranza kwalifikata għall-proposti skont l-Artikolu 5(3) għandha teħtieġ il-maġġoranza li ġejja:

(a) TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas 72 % tal-Istati Membri kkonċernati; u

(b) TSOs li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni taż-żona kkonċernata.

Il-minoranza li timblokka għad-deċiżjonijiet dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-Artikolu 5(3) għandha tinkludi mill-inqas għadd minimu ta' TSOs li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-Istati Membri parteċipanti, flimkien ma' TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas Stat Membru addizzjonali wieħed ikkonċernat, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata għandha titqies li tkun inkisbet.

5. It-TSOs li jiddeċiedu dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-Artikolu 5(3) fir-rigward ta' reġjuni magħmulin minn ħames Stati Membri jew inqas għandhom jiddeċiedu b'kunsens.

6. Għal deċiżjonijiet tat-TSOs dwar proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafi 3 u 4, għandu jiġi attribwit vot wieħed għal kull Stat Membru. Jekk ikun hemm aktar minn TSO wieħed fit-territorju ta' Stat Membru, l-Istat Membru għandu jalloka s-setgħat tal-votazzjoni fost it-TSOs.

7. Meta t-TSOs jonqsu milli jippreżentaw proposta inizjali jew emendata għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji lill-awtoritajiet regolatorji rilevanti jew lill-Aġenzija skont l-Artikoli 5 u 6 sal-iskadenzi stabbiliti f'dan ir-Regolament, dawn għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet regolatorji rilevanti u lill-Aġenzija l-abbozzi rilevanti tal-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji u jispjegaw għaliex ma jkunx intlaħaq ftehim. L-Aġenzija, l-awtoritajiet regolatorji rilevanti kollha flimkien, jew l-awtorità regolatorja rilevanti għandha tieħu l-passi xierqa biex tadotta t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji meħtieġa skont l-Artikolu 5, pereżempju billi titlob emendi jew tirrevedi u tlesti l-abbozzi skont dan il-paragrafu, inkluż fejn ma jkun ġie ppreżentat l-ebda abbozz, u tapprovahom.

Artikolu 5

Approvazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji tat-TSOs

1. Kull awtorità regolatorja jew, fejn ikun applikabbli, l-Aġenzija, skont il-każ, għandha tapprova t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji żviluppati mit-TSOs skont il-paragrafi 2, 3 u 4. Qabel ma japprovaw it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, l-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom jirrevedu l-proposti fejn ikun meħtieġ, wara li jikkonsultaw it-TSOs rispettivi, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mal-għan ta' dan ir-Regolament u jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq, in-nondiskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament xieraq tas-suq.

2. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-Aġenzija:

(a) l-oqfsa għall-istabbiliment tal-pjattaformi Ewropej skont l-Artikoli 20(1), 21(1) u 22(1);

(b) il-modifiki tal-oqfsa għall-istabbiliment tal-pjattaformi Ewropej skont l-Artikoli 20(5) u 21(5);

(c) il-prodotti standard għall-kapaċità tal-ibbilanċjar skont l-Artikolu 25(2);

(d) il-metodoloġija ta' klassifikazzjoni għall-finijiet tal-attivazzjoni tal-offerti għall-enerġija tal-ibbilanċjar skont l-Artikolu 29(3);

(e) il-valutazzjoni dwar iż-żieda possibbli tal-volum minimu tal-offerti għall-enerġija tal-ibbilanċjar li għandhom jintbagħtu lill-pjattaformi Ewropej skont l-Artikolu 29(11);

(f) il-metodoloġiji għall-ipprezzar tal-enerġija tal-ibbilanċjar u l-kapaċità transżonali użati għall-iskambju tal-enerġija tal-ibbilanċjar jew għat-tħaddim tal-proċess għan-nettjar tal-iżbilanċi skont l-Artikolu 30(1) u (5);

(g) l-armonizzazzjoni tal-metodoloġija għall-proċess tal-allokazzjoni tal-kapaċità transżonali għall-iskambju tal-kapaċità tal-ibbilanċjar jew għall-kondiviżjoni tar-riżervi skont l-Artikolu 38(3);

(h) il-metodoloġija għal proċess koottimizzat tal-allokazzjoni tal-kapaċità transżonali skont l-Artikolu 40(1);

(i) ir-regoli tal-issetiljar TSO-TSO għall-iskambju tal-enerġija intenzjonat skont l-Artikolu 50(1);

(j) l-armonizzazzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-issetiljar tal-iżbilanċi skont l-Artikolu 52(2).

L-Istat Membru jista' jagħti opinjoni lill-awtorità regolatorja kkonċernata dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-ewwel subparagrafu.

3. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji kollha tar-reġjun ikkonċernat:

(a) il-qafas, għaż-żona ġeografika li tikkonċerna t-TSOs kollha li jwettqu proċess tar-rimpjazzament tar-riżervi skont il-Parti IV tar-Regolament (UE) 2017/1485, għall-istabbiliment tal-pjattaforma Ewropea għar-riżervi ta' rimpjazzament skont l-Artikolu 19(1);

(b) għaż-żona ġeografika li tikkonċerna żewġ TSOs jew aktar li jiskambjaw jew li jkunu jixtiequ jiskambjaw bejniethom il-kapaċità tal-ibbilanċjar, l-istabbiliment ta' regoli u proċess komuni u armonizzati għall-iskambju u l-akkwist tal-kapaċità tal-ibbilanċjar skont l-Artikolu 33(1);

(c) għaż-żona ġeografika li tkopri lit-TSOs li jiskambjaw il-kapaċità tal-ibbilanċjar, il-metodoloġija għall-kalkolu tal-probabbiltà tal-kapaċità transżonali disponibbli wara l-ħin tal-għeluq tan-negozju tal-kapaċità transżonali tal-istess ġurnata skont l-Artikolu 33(6);

(d) l-eżenzjoni, għaż-żona ġeografika li fiha jkun sar l-akkwist tal-kapaċità tal-ibbilanċjar, sabiex il-forniturі tas-servizzi tal-ibbilanċjar ma jkunux jistgħu jittrasferixxu l-obbligi tagħhom li jipprovdu kapaċità tal-ibbilanċjar skont l-Artikolu 34(1);

(e) l-applikazzjoni ta' mudell TSO-BSP, f'żona ġeografika li tinkludi żewġ TSOs jew aktar, skont l-Artikolu 35(1);

(f) il-metodoloġija tal-kalkolu tal-kapaċità transżonali għal kull reġjun bil-kapaċità kalkolata skont l-Artikolu 37(3);

(g) f'żona ġeografika li tinkludi żewġ TSOs jew aktar, l-applikazzjoni tal-proċess tal-allokazzjoni tal-kapaċità transżonali għall-iskambju tal-kapaċità tal-ibbilanċjar jew il-kondiviżjoni tar-riżervi skont l-Artikolu 38(1);

(h) għal kull reġjun bil-kapaċità kalkolata, il-metodoloġija għal proċess ta' allokazzjoni bbażat fuq is-suq tal-kapaċità transżonali skont l-Artikolu 41(1);

(i) għal kull reġjun bil-kapaċità kalkolata, il-metodoloġija għal proċess ta' allokazzjoni tal-kapaċità transżonali abbażi ta' analiżi tal-effiċjenza ekonomika u l-lista ta' kull allokazzjoni individwali tal-kapaċità transżonali abbażi ta' analiżi tal-effiċjenza ekonomika skont l-Artikolu 42(1) sa (5);

(j) għaż-żona ġeografika li tinkludi t-TSOs kollha li jiskambjaw l-enerġija intenzjonalment f'żona sinkronika, ir-regoli tal-issetiljar TSO-TSO għall-iskambju maħsub tal-enerġija skont l-Artikolu 50(3);

(k) għaż-żona ġeografika li tinkludi t-TSOs kollha konnessi asinkronikament li jiskambjaw l-enerġija intenzjonalment, ir-regoli tal-issetiljar TSO-TSO għall-iskambju maħsub tal-enerġija skont l-Artikolu 50(4);

(l) għal kull żona sinkronika, ir-regoli tal-issetiljar TSO-TSO għall-iskambji tal-enerġija mhux intenzjonati skont l-Artikolu 51(1);

(m) għaż-żona ġeografika li tinkludi t-TSOs kollha konnessi asinkronikament, ir-regoli tal-issetiljar TSO-TSO għall-iskambji tal-enerġija mhux intenzjonati skont l-Artikolu 51(2);

(n) l-eżenzjoni, fil-livell taż-żona sinkronika, għall-armonizzazzjoni tal-perjodi tal-issetiljar tal-iżbilanċi skont l-Artikolu 53(2);

(o) għaż-żona ġeografika li tinkludi żewġ TSOs jew aktar li jiskambjaw il-kapaċità tal-ibbilanċjar, il-prinċipji għall-algoritmi tal-ibbilanċjar skont l-Artikolu 58(3).

L-Istat Membru jista' jagħti opinjoni lill-awtorità regolatorja kkonċernata dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-ewwel subparagrafu.

4. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni minn kull awtorità regolatorja ta' kull Stat Membru kkonċernat fuq bażi ta' każ b'każ:

(a) l-eżenzjoni li tiġi ppubblikata informazzjoni dwar il-prezzijiet offruti tal-enerġija tal-ibbilanċjar jew tal-offerti għall-kapaċità tal-ibbilanċjar minħabba tħassib dwar abbuż tas-suq skont l-Artikolu 12(4);

(b) fejn ikun xieraq, il-metodoloġija għall-allokazzjoni tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-azzjonijiet meħuda mid-DSOs, skont l-Artikolu 15(3);

(c) it-termini u l-kundizzjonijiet marbuta mal-ibbilanċjar skont l-Artikolu 18;

(d) id-definizzjoni u l-użu ta' prodotti speċifiċi skont l-Artikolu 26(1);

(e) il-limitazzjoni fuq l-ammont ta' offerti li jgħaddi għal għand il-pjattaformi Ewropej skont l-Artikolu 29(10);

(f) l-eżenzjoni ta' akkwist separat tal-kapaċità tal-ibbilanċjar 'l fuq u 'l isfel skont l-Artikolu 32(3);

(g) fejn ikun xieraq, il-mekkaniżmu tal-issetiljar addizzjonali separat mill-issetiljar tal-iżbilanċ, għall-ħlas tal-kostijiet tal-akkwist tal-kapaċità tal-ibbilanċjar, il-kostijiet amministrattivi u kostijiet oħra marbuta mal-ibbilanċjar mal-partijiet responsabbli mill-ibbilanċjar skont l-Artikolu 44(3);

(h) id-derogi minn dispożizzjoni waħda jew aktar ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 62(2);

(i) l-ispejjeż relatati mal-obbligi imposti fuq l-operaturi tas-sistema jew entitajiet terzi assenjati f'konformità ma' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 8(1).

L-Istat Membru jista' jagħti opinjoni lill-awtorità regolatorja kkonċernata dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-ewwel subparagrafu.

5. Il-proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għandha tinkludi skeda ta' żmien proposta għall-implimentazzjoni tagħhom u deskrizzjoni tal-impatt mistenni tagħhom fuq l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni ma għandux ikun itwal minn 12-il xahar wara l-approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji rilevanti, ħlief meta l-awtoritajiet regolatorji rilevanti kollha jaqblu li jestendu l-perjodu ta' żmien għall-implimentazzjoni jew meta jiġu stabbiliti limiti ta' żmien differenti f'dan ir-Regolament. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji soġġetti għall-approvazzjoni minn diversi awtoritajiet regolatorji skont il-paragrafu 3 għandhom jiġu ppreżentati lill-Aġenzija fi żmien ġimgħa minn meta jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet regolatorji. Il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji soġġetti għall-approvazzjoni minn awtorità regolatorja waħda skont il-paragrafu 4 jistgħu jiġu ppreżentati lill-Aġenzija fi żmien xahar minn meta jiġu ppreżentati skont id-diskrezzjoni tal-awtorità regolatorja filwaqt li għandhom jiġu ppreżentati fuq talba tal-Aġenzija għal finijiet ta' informazzjoni skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2019/942 jekk l-Aġenzija tqis li l-proposta għandha impatt transfruntiera. Fuq talba mill-awtoritajiet regolatorji rilevanti, l-Aġenzija għandha toħroġ opinjoni dwar il-proposti għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji fi żmien tliet xhur.

6. Meta l-approvazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jew l-emenda skont l-Artikolu 6 tkun teħtieġ deċiżjoni minn aktar minn awtorità regolatorja waħda, l-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw mill-qrib u jikkoordinaw ma' xulxin sabiex jilħqu ftehim. Meta l-Aġenzija toħroġ opinjoni, l-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom iqisu dik l-opinjoni. L-awtoritajiet regolatorji jew, meta tkun kompetenti, l-Aġenzija għandha tiddeċiedi dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji ppreżentati skont il-paragrafi 2, 3 u 4, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji mill-Aġenzija jew mill-awtorità regolatorja rilevanti jew, fejn ikun applikabbli, mill-aħħar awtorità regolatorja kkonċernata. Il-perjodu għandu jibda fil-jum wara dak li fih il-proposta tkun ġiet ippreżentata lill-Aġenzija skont il-paragrafu 2, lill-aħħar awtorità regolatorja kkonċernata skont il-paragrafu 3 jew, fejn ikun applikabbli, lill-awtorità regolatorja rilevanti skont il-paragrafu 4.

7. Meta l-awtoritajiet regolatorji rilevanti ma jkunux setgħu jilħqu ftehim fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 6, jew fuq talba konġunta tagħhom, jew fuq talba tal-Aġenzija skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/942, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni dwar il-proposti ppreżentati għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji fi żmien sitt xhur mill-jum tar-riferiment, skont l-Artikolu 5(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942.

8. Kwalunkwe parti tista' tilmenta kontra operatur tas-sistema jew TSO rilevanti fir-rigward tal-obbligi jew id-deċiżjonijiet ta' dak l-operatur tas-sistema jew TSO skont dan ir-Regolament u tista' tirreferi l-ilment lill-awtorità regolatorja rilevanti li, waqt li taġixxi bħala awtorità għas-soluzzjoni tat-tilwim, għandha tagħti deċiżjoni fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-ilment. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra meta tintalab informazzjoni addizzjonali mill-awtorità regolatorja rilevanti. Dak il-perjodu estiż jista' jiġi estiż aktar bil-qbil tal-ilmentatur. Id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja rilevanti għandha tkun vinkolanti kemm-il darba u sakemm tiġi rrevokata b'appell.

Artikolu 6

Emendi għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji tat-TSOs

1. Meta l-Aġenzija, l-awtoritajiet regolatorji rilevanti kollha flimkien jew l-awtorità regolatorja rilevanti tkun teħtieġ emenda sabiex jiġu approvati t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji ppreżentati skont l-Artikolu 5(2), (3) u (4) rispettivament, it-TSOs rilevanti għandhom jippreżentaw proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati għall-approvazzjoni fi żmien xahrejn wara t-talba mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet regolatorji rilevanti. L-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji rilevanti għandhom jiddeċiedu dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati fi żmien xahrejn minn meta jiġu ppreżentati.

2. Meta l-awtoritajiet regolatorji rilevanti ma jkunux setgħu jilħqu ftehim dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji fi żmien l-iskadenza ta' xahrejn, jew fuq talba konġunta tagħhom, jew fuq talba tal-Aġenzija skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/942, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati fi żmien sitt xhur, skont l-Artikolu 5(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942. Jekk it-TSOs rilevanti jonqsu milli jissottomettu proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati, għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 4.

3. L-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji, meta jkunu responsabbli għall-adozzjoni ta' termini u kundizzjonijiet jew metodoloġiji skont l-Artikolu 5(2), (3) u (4), jistgħu rispettivament jitolbu proposti biex jiġu emendati dawk it-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji u jiddeterminaw skadenza għall-preżentazzjoni ta' dawk il-proposti. It-TSOs responsabbli għall-iżvilupp ta' proposta għat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji jistgħu jipproponu emendi lill-awtoritajiet regolatorji u lill-Aġenzija. Il-proposti biex jiġu emendati t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għandhom jiġu ppreżentati għal konsultazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 u approvati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 4 u 5.

Artikolu 7

Pubblikazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji fuq l-Internet

It-TSOs responsabbli biex jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont dan ir-Regolament għandhom jippubblikawhom fuq l-Internet wara l-approvazzjoni mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet regolatorji rilevanti jew, meta ma tkun meħtieġa l-ebda approvazzjoni bħal din, wara li jiġu stabbiliti, ħlief fejn tali informazzjoni titqies bħala kunfidenzjali skont l-Artikolu 11."

Artikolu 4

Emendi għar-Regolament (UE) 2017/1485

L-Artikoli 5 sa 8 tar-Regolament (UE) 2017/1485 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 5

Il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji tat-TSOs

1. It-TSOs għandhom jiżviluppaw il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji meħtieġa minn dan ir-Regolament u jippreżentawhom għall-approvazzjoni lill-Aġenzija skont l-Artikolu 6(2), lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti skont l-Artikolu 6(3), jew lill-entità maħtura mill-Istat Membru skont l-Artikolu 6(4) u (5) sal-iskadenzi rispettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari f'każijiet fejn ma tkunx tista' tintlaħaq skadenza minħabba ċirkostanzi esterni għall-isfera tat-TSOs, l-iskadenzi għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji jistgħu jiġu estiżi mill-Aġenzija fi proċeduri skont l-Artikolu 6(2), b'mod konġunt mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti kollha fi proċeduri skont l-Artikolu 6(3), u mill-awtorità regolatorja kompetenti fi proċeduri skont l-Artikolu 6(4) u (5).

2. Meta proposta għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont dan ir-Regolament tkun teħtieġ li tiġi żviluppata u maqbula minn aktar minn TSO wieħed, it-TSOs parteċipanti għandhom jikkooperaw mill-qrib. It-TSOs, bl-għajnuna tal-ENTSO tal-Elettriku, għandhom jinformaw regolarment lill-awtoritajiet regolatorji u lill-Aġenzija dwar il-progress fl-iżvilupp ta' dawk il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji.

3. Meta t-TSOs li jiddeċiedu dwar proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-Artikolu 6(2) ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim, dawn għandhom jiddeċiedu permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-maġġoranza kwalifikata għall-proposti skont l-Artikolu 6(2) għandha teħtieġ maġġoranza ta':

(a) TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas 55 % tal-Istati Membri; u

(b) TSOs li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

4. Il-minoranza li timblokka għad-deċiżjonijiet dwar proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-Artikolu 6(2) għandha tinkludi TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas erba' Stati Membri, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata għandha titqies li tkun inkisbet.

5. Meta t-TSOs li jiddeċiedu dwar proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont l-Artikolu 6(3) ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim u meta r-reġjuni kkonċernati jkunu magħmula minn aktar minn ħames Stati Membri, dawn għandhom jiddeċiedu permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata. Il-maġġoranza kwalifikata għall-proposti skont l-Artikolu 6(3) għandha teħtieġ maġġoranza ta':

(a) TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas 72 % tal-Istati Membri kkonċernati; u

(b) TSOs li jirrappreżentaw Stati Membri li flimkien jinkludu mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tar-reġjun ikkonċernat.

6. Il-minoranza li timblokka għad-deċiżjonijiet dwar proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji elenkati fl-Artikolu 6(3) għandha tinkludi mill-inqas għadd minimu ta' TSOs li jirrappreżentaw aktar minn 35 % tal-popolazzjoni tal-Istati Membri parteċipanti, flimkien ma' TSOs li jirrappreżentaw mill-inqas Stat Membru addizzjonali wieħed ikkonċernat, u fin-nuqqas ta' dan, il-maġġoranza kwalifikata għandha titqies li tkun inkisbet.

7. It-TSOs li jiddeċiedu dwar proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont l-Artikolu 6(3) fir-rigward ta' reġjuni magħmulin minn ħames Stati Membri jew inqas għandhom jiddeċiedu b'kunsens.

8. Għal deċiżjonijiet tat-TSOs dwar proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafi 3 u 5, għandu jiġi attribwit vot wieħed għal kull Stat Membru. Jekk ikun hemm aktar minn TSO wieħed fit-territorju ta' Stat Membru, l-Istat Membru għandu jalloka s-setgħat tal-votazzjoni fost it-TSOs.

9. Meta t-TSOs jonqsu milli jippreżentaw proposta inizjali jew emendata għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji lill-awtoritajiet regolatorji jew lill-Aġenzija skont l-Artikoli 6 u 7 jew lill-entitajiet maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(4) sal-iskadenzi stabbiliti f'dan ir-Regolament, dawn għandhom jipprovdu lill-entità maħtura, lill-awtoritajiet regolatorji kompetenti u lill-Aġenzija bl-abbozzi rilevanti tal-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, u jispjegaw għaliex ma ntlaħaqx ftehim. L-Aġenzija, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti kollha flimkien, jew l-entità kompetenti maħtura għandha tieħu l-passi xierqa għall-adozzjoni tal-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji meħtieġa skont l-Artikolu 6, pereżempju billi titlob emendi jew tirrevedi u tlesti l-abbozzi skont dan il-paragrafu, inkluż meta ma jkun ġie sottomess l-ebda abbozz, u tapprovahom.

Artikolu 6

Approvazzjoni tal-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji tat-TSOs

1. Kull awtorità regolatorja jew, fejn ikun applikabbli, l-Aġenzija, skont il-każ, għandha tapprova l-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji żviluppati mit-TSOs skont il-paragrafi 2 u 3. L-entità maħtura mill-Istat Membru għandha tapprova l-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji żviluppati mit-TSOs skont il-paragrafu 4. L-entità maħtura għandha tkun l-awtorità regolatorja sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Istat Membru. Qabel ma tapprova l-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji, l-awtorità regolatorja, l-Aġenzija jew l-entità maħtura għandha tirrevedi l-proposti fejn ikun meħtieġ, wara li tikkonsulta t-TSOs rispettivi, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mal-għan ta' dan ir-Regolament u jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tas-suq, in-nondiskriminazzjoni, il-kompetizzjoni effettiva u l-funzjonament xieraq tas-suq.

2. Il-proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-Aġenzija, li dwarhom Stat Membru jista' jipprovdi opinjoni lill-awtorità regolatorja kkonċernata:

(a) ir-rekwiżiti, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet organizzazzjonali ewlenin marbutin mal-iskambju tad-*data* b'rabta mas-sigurtà operazzjonali skont l-Artikolu 40(6);

(b) il-metodoloġija għall-bini tal-mudelli tal-grilja komuni skont l-Artikolu 67(1) u l-Artikolu 70;

(c) il-metodoloġija għall-koordinazzjoni tal-analiżi tas-sigurtà operazzjonali skont l-Artikolu 75.

3. Il-proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet regolatorji kollha tar-reġjun ikkonċernat, li dwarhom Stat Membru jista' jagħti opinjoni lill-awtorità regolatorja kkonċernata:

(a) il-metodoloġija għal kull żona sinkronika għad-definizzjoni ta' inerzja minima skont l-Artikolu 39(3)(b);

(b) dispożizzjonijiet komuni għal kull reġjun bil-kapaċità kalkolata għall-koordinazzjoni tas-sigurtà operazzjonali reġjonali skont l-Artikolu 76;

(c) il-metodoloġija, tal-inqas għal kull żona sinkronika, għall-valutazzjoni tar-rilevanza tal-assi għall-koordinazzjoni tal-indisponibilità skont l-Artikolu 84;

(d) il-metodoloġiji, il-kundizzjonijiet u l-valuri inklużi fil-ftehimiet operazzjonali dwar iż-żoni sinkroniċi fl-Artikolu 118 dwar:

(i) il-parametri għad-definizzjoni tal-kwalità tal-frekwenza u parametru mira tal-kwalità tal-frekwenza skont l-Artikolu 127;

(ii) ir-regoli tad-dimensjonar tal-FCR skont l-Artikolu 153;

(iii) il-karatteristiċi addizzjonali tal-FCR skont l-Artikolu 154(2);

(iv) għaż-żoni sinkroniċi tal-GB u tal-IE/NI, il-miżuri li jiżguraw l-irkupru tal-kompartimenti tal-ħżin tal-enerġija skont l-Artikolu 156(6)(b);

(v) għaż-żoni sinkroniċi Nordiċi u tal-Ewropa Kontinentali, il-perjodu minimu ta' attivazzjoni li għandu jiġi żgurat mill-forniturі tal-FCR skont l-Artikolu 156(10);

(vi) għaż-żoni sinkroniċi Nordiċi u tal-Ewropa Kontinentali, is-suppożizzjonijiet u l-metodoloġija għal analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji skont l-Artikolu 156(11);

(vii) għaż-żoni sinkroniċi l-oħra għajr tal-Ewropa Kontinentali u, jekk ikun applikabbli, il-limiti għall-iskambju tal-FCR bejn it-TSOs skont l-Artikolu 163(2);

(viii) għaż-żoni sinkroniċi tal-GB u tal-IE/NI, il-metodoloġija biex jiġi ddeterminat il-forniment minimu tal-kapaċità ta' riserva fuq l-FCR bejn iż-żoni sinkroniċi, iddefinita skont l-Artikolu 174(2)(b);

(ix) il-limiti fuq l-ammont ta' skambju tal-FRR bejn iż-żoni sinkroniċi ddefiniti skont l-Artikolu 176(1) u l-limiti fuq l-ammont ta' kondiviżjoni tal-FRR bejn iż-żoni sinkroniċi ddefiniti skont l-Artikolu 177(1);

(x) il-limiti fuq l-ammont ta' skambju tal-RR bejn iż-żoni sinkroniċi ddefiniti skont l-Artikolu 178(1) u l-limiti fuq l-ammont ta' kondiviżjoni tal-RR bejn iż-żoni sinkroniċi ddefiniti skont l-Artikolu 179(1).

(e) il-metodoloġiji u l-kundizzjonijiet inklużi fil-ftehimiet operazzjonali dwar il-blokok LFC imsemmija fl-Artikolu 119, li jikkonċernaw:

(i) ir-restrizzjonijiet tal-kalar għall-output tal-potenza attiva skont l-Artikolu 137(3) u (4);

(ii) l-azzjonijiet ta' koordinazzjoni li għandhom l-għan li jnaqqsu l-FRCE kif iddefinit fl-Artikolu 152(14);

(iii) il-miżuri biex jitnaqqas l-FRCE billi jintalbu bidliet fil-produzzjoni jew fil-konsum tal-moduli tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u tal-unitajiet tad-domanda b'rabta mal-potenza attiva skont l-Artikolu 152(16);

(iv) ir-regoli tad-dimensjonar tal-FRR skont l-Artikolu 157(1).

(f) il-miżuri ta' mitigazzjoni għal kull żona sinkronika jew għal kull blokka LFC skont l-Artikolu 138;

(g) proposta komuni għal kull żona sinkronika għad-determinazzjoni tal-blokok LFC skont l-Artikolu 141(2).

4. Sakemm ma jiġix iddeterminat mod ieħor mill-Istat Membru, il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji li ġejjin u kwalunkwe emenda tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal approvazzjoni individwali mill-entità maħtura skont il-paragrafu 1 mill-Istat Membru:

(a) għaż-żoni sinkroniċi tal-GB u tal-IE/NI, il-proposta ta' kull TSO li tispeċifika l-livell tat-telf tad-domanda li fih is-sistema ta' trażmissjoni għandha tkun fl-istat ta' blekawt;

(b) l-ambitu tal-iskambju tad-*data* mad-DSOs u mal-utenti sinifikanti tal-grilja skont l-Artikolu 40(5);

(c) ir-rekwiżiti addizzjonali għall-gruppi tal-forniment tal-FCR skont l-Artikolu 154(3);

(d) l-esklużjoni tal-gruppi tal-forniment tal-FCR mill-forniment tal-FCR skont l-Artikolu 154(4);

(e) għaż-żoni sinkroniċi Nordiċi u tal-Ewropa Kontinentali, il-proposta dwar il-perjodu interim minimu ta' attivazzjoni li għandu jiġi żgurat mill-forniturі tal-FCR kif propost mit-TSO skont l-Artikolu 156(9);

(f) ir-rekwiżiti tekniċi tal-FRR iddefiniti mit-TSO skont l-Artikolu 158(3);

(g) ir-rifjut tal-gruppi tal-forniment tal-FRR mill-forniment tal-FRR skont l-Artikolu 159(7);

(h) ir-rekwiżiti tekniċi għall-konnessjoni tal-unitajiet tal-forniment tal-RR u tal-gruppi tal-forniment tal-RR iddefiniti mit-TSO skont l-Artikolu 161(3); u

(i) r-rifjut tal-gruppi tal-forniment tal-RR mill-forniment tal-RR skont l-Artikolu 162(6).

5. Meta operatur tas-sistema jew TSO rilevanti individwali jkun meħtieġ jew permess skont dan ir-Regolament li jispeċifika jew jaqbel dwar rekwiżiti li mhumiex soġġetti għall-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mill-awtorità regolatorja kompetenti ta' dawk ir-rekwiżiti u kwalunkwe emenda tagħhom.

6. Il-proposta għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għandha tinkludi skeda ta' żmien proposta għall-implimentazzjoni tagħhom u deskrizzjoni tal-impatt mistenni tagħhom fuq l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji soġġetti għall-approvazzjoni minn diversi awtoritajiet regolatorji skont il-paragrafu 3 għandhom jiġu ppreżentati lill-Aġenzija fi żmien ġimgħa minn meta jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet regolatorji. Il-proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji soġġetti għall-approvazzjoni minn entità maħtura skont il-paragrafu 4 jistgħu jiġu ppreżentati lill-Aġenzija fi żmien xahar minn meta jiġu ppreżentati skont id-diskrezzjoni tal-entità maħtura filwaqt li għandhom jiġu ppreżentati fuq talba tal-Aġenzija għal finijiet ta' informazzjoni skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2019/942 jekk l-Aġenzija tqis li l-proposta għandha impatt transfruntiera. Fuq talba mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti, l-Aġenzija għandha toħroġ opinjoni fi żmien 3 xhur dwar il-proposti għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji.

7. Meta l-approvazzjoni tal-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafu 3 jew l-emenda skont l-Artikolu 7 tkun teħtieġ deċiżjoni minn aktar minn awtorità regolatorja waħda skont il-paragrafu 3, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom jikkonsultaw ma' xulxin u jikkooperaw u jikkoordinaw mill-qrib bejniethom sabiex jilħqu ftehim. Meta l-Aġenzija toħroġ opinjoni, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom iqisu dik l-opinjoni. L-awtoritajiet regolatorji jew, meta tkun kompetenti, l-Aġenzija għandha tieħu deċiżjonijiet dwar il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji ppreżentati skont il-paragrafi 2 u 3 fi żmien sitt xhur wara li tirċievi l-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji mill-Aġenzija jew mill-awtorità regolatorja jew, fejn ikun applikabbli, mill-aħħar awtorità regolatorja kkonċernata. Il-perjodu għandu jibda fil-jum wara dak li fih il-proposta tkun ġiet ippreżentata lill-Aġenzija skont il-paragrafu 2 jew lill-aħħar awtorità regolatorja kkonċernata skont il-paragrafu 3.

8. Meta l-awtoritajiet regolatorji ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 7, jew fuq talba konġunta tagħhom, jew fuq talba tal-Aġenzija skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/942, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni dwar il-proposti ppreżentati għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji fi żmien sitt xhur, skont l-Artikolu 5(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942..

9. Meta l-approvazzjoni tal-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji tkun teħtieġ deċiżjoni minn entità maħtura waħda skont il-paragrafi 4 jew minn awtorità regolatorja kompetenti skont il-paragrafu 5, l-entità maħtura jew l-awtorità regolatorja kompetenti għandha tieħu deċiżjoni fi żmien 6 xhur wara li tirċievi l-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji. Il-perjodu għandu jibda fil-jum wara dak li fih il-proposta tkun ġiet ippreżentata lill-entità maħtura skont il-paragrafu 4 jew lill-awtorità regolatorja kompetenti skont il-paragrafu 5.

10. Kull parti tista' tilmenta kontra operatur tas-sistema jew TSO rilevanti fir-rigward tal-obbligi jew id-deċiżjonijiet tal-operatur tas-sistema jew tat-TSO rilevanti skont dan ir-Regolament u tista' tirreferi l-ilment lill-awtorità regolatorja li, waqt li tagħixxi bħala awtorità għas-soluzzjoni tat-tilwim, għandha toħroġ deċiżjoni fi żmien xahrejn wara li tkun irċeviet l-ilment. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra meta tintalab informazzjoni addizzjonali mill-awtorità regolatorja. Dak il-perjodu estiż jista' jiġi estiż aktar bil-qbil tal-ilmentatur. Id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja għandha tkun vinkolanti kemm-il darba u sakemm tiġi rrevokata b'appell.

Artikolu 7

Emendi għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji tat-TSOs

1. Meta l-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji kompetenti kollha flimkien jitolbu emenda sabiex japprovaw il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji ppreżentati skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 6 rispettivament, it-TSOs rilevanti għandhom jippreżentaw proposta għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati għall-approvazzjoni fi żmien xahrejn wara t-talba mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet regolatorji. L-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji kompetenti għandhom jiddeċiedu dwar il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati fi żmien xahrejn minn meta jiġu ppreżentati.

2. Meta entità maħtura tkun teħtieġ emenda sabiex tapprova l-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji ppreżentati skont l-Artikolu 6(4) jew l-awtorità regolatorja kompetenti tkun teħtieġ emenda sabiex tapprova r-rekwiżiti ppreżentati skont l-Artikolu 6(5), it-TSO rilevanti għandu jippreżenta proposta għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji jew ir-rekwiżiti emendati għall-approvazzjoni fi żmien xahrejn wara t-talba mill-entità maħtura jew l-awtorità regolatorja kompetenti. L-entità maħtura jew l-awtorità regolatorja kompetenti għandha tiddeċiedi dwar il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati fi żmien xahrejn wara li jiġu ppreżentati.

3. Meta l-awtoritajiet regolatorji kompetenti ma jkunux setgħu jilħqu ftehim dwar il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 6 fi żmien l-iskadenza ta' xahrejn, jew fuq talba konġunta tagħhom, jew fuq talba tal-Aġenzija skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2019/942, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni dwar il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati fi żmien sitt xhur, skont l-Artikolu 5(3) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(10) tar-Regolament (UE) 2019/942. Jekk it-TSOs rilevanti jonqsu milli jippreżentaw proposta għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji emendati, għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 5(9).

4. L-Aġenzija jew l-awtoritajiet regolatorji jew l-entitajiet maħtura, meta jkunu responsabbli għall-adozzjoni tal-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont il-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 6, jistgħu rispettivament jitolbu proposti biex jiġu emendati dawk il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji u jiddeterminaw skadenza għas-sottomissjoni ta' dawk il-proposti. It-TSOs responsabbli għall-iżvilupp ta' proposta għall-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji jistgħu jipproponu emendi lill-awtoritajiet regolatorji u lill-Aġenzija. Il-proposti għall-emendar tal-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji għandhom jiġu ppreżentati għall-konsultazzjoni jekk ikun applikabbli skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11 u approvati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 5 u 6.

Artikolu 8

Pubblikazzjoni tal-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji fuq l-Internet

1. It-TSOs responsabbli biex jispeċifikaw il-patti u l-kundizzjonijiet jew il-metodoloġiji skont dan ir-Regolament għandhom jippubblikawhom fuq l-Internet wara l-approvazzjoni mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet regolatorji kompetenti jew, meta ma tkun meħtieġa l-ebda approvazzjoni bħal din, wara l-ispeċifikazzjoni tagħhom, ħlief fejn tali informazzjoni titqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 12.

2. Il-pubblikazzjoni għandha tikkonċerna wkoll:

(a) it-titjib tal-għodod tal-operat tan-network skont l-Artikolu 55(e);

(b) il-parametri fil-mira tal-FRCE skont l-Artikolu 128;

(c) ir-restrizzjonijiet fuq il-kalar fuq il-livell taż-żona sinkronika skont l-Artikolu 137(1);

(d) ir-restrizzjonijiet fuq il-kalar fuq il-livell tal-blokka LFC skont l-Artikolu 137(3);

(e) il-miżuri meħuda fl-istat ta' allert minħabba li ma jkunx hemm biżżejjed riżervi ta' potenza attiva skont l-Artikolu 152(11); u

(f) t-talba tat-TSO tal-konnessjoni tar-riżervi lill-fornitur tal-FCR biex jagħmel l-informazzjoni disponibbli f'ħin reali skont l-Artikolu 154(11)."

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN